# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' April, 2025.**

**Numru 3**

**Rikors numru 23/2015/3 BS**

**Frances Curmi**

**v.**

**Mary Jane Farrugia**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuta u appell inċidentali mressaq mill-attriċi, minn sentenza ta' nhar l-24 ta' Frar 2023 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali. L-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u llikwidat is-sehem riżervat dovut lill-attriċi fl-ammont ta' erbgħa u sebgħin elf, sitt mija u sebgħa u tletin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€74,637.59) u ordnat

lill-konvenuta, bħala l-unika eredi tad-*decuius*, biex tħallas lill-attriċi l-istess somma bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%), dekorribbli mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni, bl-ispejjeż kontriha.

**Daħla**

2. L-attriċi tippremetti li hi flimkien mal-konvenuta huma ulied Rose sive Mary Rose Buttigieg, li mietet fit-12 ta' Ġunju 2014 u ħalliet testment magħmul fl-atti tan-Nutar George Pisani nhar it-23 ta' Frar 2004. Premettiet li hi rrinunzjat għall-wirt ta' ommha peress li tul ħajjitha ommha ddisponiet minn ħwejjiġha u dawn id-dispożizzjonijiet eċċedew il-limitu impost, in kwantu kienet obbligata li tħalli biżżejjed għas-sehem riżervat għal uliedha, iżda dan ma għamlitux. L-attriċi rrinunzjat għall-wirt ta' ommha iżda żammet id-drittijiet tagħha fuq is-sehem riżervat, filwaqt li żammet ukoll id-drittijiet tagħha fuq is-suċċessjoni ta' missierha. Issostni li pruvat tasal mal-konvenuta iżda bla suċċess, u dan għaliex tgħid li l-konvenuta bdiet tiddetta hi kemm kellu jkun il-valur tas-sehem riżervat, tant li ddepożitat ammont b'ċedola ta' depożitu. Konsegwentement, l-attriċi, permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat nhar l-24 ta' April 2015, talbet lill-Ewwel Qorti:

> *"1. Tillikwida s-sehem riżervat spettanti lill-attriċi rikorrenti mill-wirt ta' ommha billi tikkalkula ai termini tal-aritkli 615 et sek tal-Kap 16 il-valur ta' nofs minn terz tal-assi ereditarji tal-mejta Rose sive Mary Rose Buttiġieg, inkluż sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll inkluż dak kollu li minnu ddisponiet inter vivos b'titolu gratuwitu, u dan bl-għajnuna ta' perit nominandi;*

*2. Tiddikjara lill-konvenuta bħala l-uniku werrieta, debitriċi fil-konfront tal-attriċi ta' tali sehem riżervat;*

*3. Tordna lill-konvenuta tħallas dan is-sehem riżervat kif stabbilit mill-Qorti Onorabbli lill-attriċi, bl-imgħaxijiet dekorribbli skont il-liġi;*

*4. Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura, diversi ittri interpellatorji u ittri uffiċjali, u bir-riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri.*

*Bl-inġunżjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu mħarrka."*

3. Il-konvenuta ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

*"1. ILLI l-esponenti qatt ma rrifjutat li tħallas is-sehem riżervat lill-attriċi, u kif ser jintwera fil-kors tal-kawża dejjem uriet id-disponibilità tagħha li bħala werrieta t'ommha twettaq l-obbligi tagħha taħt il-liġi, ikkoperat bi sħiħ biex is-sehem dovut lill-attriċi bil-liġi jiġi mgħoddi lilha, u n-nuqqas mhu ta' ħadd ħlief tal-istess attriċi li naqqset li tidher biex tirċievi l-ammont li wara kollox kienet qablet dwaru;*

*2. PERMEZZ ta' ittra uffiċjali tat-28 ta' Novembru 214 (Ittra numru 654/2014), l-attriċi kienet ġiet avżata biex ma tagħmilx il-kawża u tersaq sabiex tiġi likwidata u mħallsa lilha b'mod bonarju l-leġittima. Il-partijiet sa kienu waslu f'arranġament fuq ħlas ta' sommha ta' flus, u kienet imbagħad l-istess attriċi li naqqset mingħajr raġuni valida milli tersaq għall-kuntratt ħalli jiġi mħallas lilha s-sehem riżervat;*

*3. KONSEGWENTEMENT minħabba n-nuqqas tal-istess attriċi, l-esponenti kienet kostretta tiddepożita l-ħlas tas-sehem riżervat taħt l-awtorità tal-Qorti permezz taċ-ċedola ta' depożitu numru 79/2015, u dan għamlitu sabiex tesimi ruħha minn kull eventwali responsabbilità taħt il-liġi fil-konfront tal-attriċi, u fiha tagħat [sic] id-dettalji u r-raġunijiet il-għaliex kienet qiegħdha tiddepożita l-istess ħlas tas-sehem riżervat il-Qorti;*

*4. ILLI l-attriċi ma kinitx ġustifikata li ma tersaqx u titħallas is-sehem riżervat. Għaldaqstant hi għandha tbagħti [sic] l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża u m'hemmx lok għall-ħlas tal-imgħaxijiet fuq dan is-sehem billi l-istess ammont ġie depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti bil-fakoltà li l-istess attriċi tirtirah f'kull żmien mingħajr xkiel ta' xejn jew restrizzjoni fuq l-istess ammont depożitat;*

*5. KIENET l-attriċi li fil-kuntratt ta' transazzjoni riedet u ppretendiet li ddaħħal ħwejjeġ oltre l-vertenza in disputa, li dwarhom ma kien hemm ebda ħsieb ta' kawża imminenti, u ma kinitx ġustifikata li ma tersaqx u tieħu l-leġittima li dwarha mbagħad għamlet din il-kawża.*
*Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.*

*Bl-ispejjeż inklużi tal-Ittra numru 654/2014 u taċ-Ċedola numru 79/2015 kontra l-attriċi."*

4. L-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti decide:

> *"1. Tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u tillikwida s-sehem riżervat spettanti lill-attriċi mill-wirt ta' ommha fil-valur ta' erbgħa u sebgħin elf sitt mija u sebgħa u tletin* ewro *u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€74,637.59ċ);*
>
> *2. Tilqa' t-tieni (2) talba attriċi u tiddikjara lill-konvenuta bħala l-unika eredi tad-decujus omm il-partijiet u konsegwentement, bħala debitriċi tal-attriċi għal tali sehem riżervat tal-valur ta' erbgħa u sebgħin elf sitt mija u sebgħa u tletin* ewro *u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€74,637.59ċ);*
>
> *3. Tilqa' it-tielet (3) talba attriċi u tordna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi dan is-sehem riżervat ta' erbgħa u sebgħin elf sitt mija u sebgħa u tletin* ewro *u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€74,637.59ċ) bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni;*
>
> *4. Tilqa' r-raba' (4) talba attriċi kif konsistenti mal-kap tal-ispejjeż li jirriżulta hawn aktar 'l isfel.*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 632/2014 tat-tmintax (18) ta' Novembru, 2014 a karigu tal-konvenuta."*

5. Il-konvenuta ressqet appell nhar it-13 ta' Marzu 2023, filwaqt li l-attriċi ressqet risposta u appell inċidentali fl-20 ta' April 2023.

6. **In suċċint, permezz tal-appell tagħha l-konvenuta tilmenta** li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi għaliex qatt ma messha sabet lill-konvenuta responsabbli għall-ispejjeż tal-kawża u qatt ma messu ġie ordnat il-ħlas tal-imgħax legali u dan meta l-konvenuta offriet somma a saldu tal-ħlas tas-sehem riżervat, u ddepożitata, u liema somma kienet ferm akbar minn dik likwidata mill-Ewwel Qorti. **Min-naħa l-oħra permezz tal-appell inċidentali l-attriċi tilmenta** li (i) sar kalkolu

ħażin tal-valutazzjoni tal-immobbli formanti parti mill-wirt tad-*decuius* u b'hekk is-sehem riżervat likwidat kellu jkun ċirka ħamest elef aktar (ii) l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiċħad talba sabiex issir valutazzjoni ġdida tal-immobbli li tirrifletti valuri aktar viċin is-sentenza (iii) għandha terġa' ssir valutazzjoni ġdida ta' proprjetà li fil-mori tal-proċeduri kienet soġġetta għall-kirja u liema kirja issa ntemmet.

**Fatti u Provi**

7. Din il-**Qorti rat il-provi u x-xhieda prodotti** u ser tkun qed tirriproduċi dawk il-provi relevanti għall-appelli mressqa.

8. B'relevanza għall-appelli mressqa din il-Qorti tikkonstata li ġraw is-**segwenti fatti**:

i. **25 ta' Frar 2004**: Omm il-partijiet, Rosa Buttigieg, għamlet testment fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani, fejn ħalliet xi prelegati lill-konvenuta u nnominat lill-partijiet bħala l-eredi universali tagħha[1];

ii. **12 ta' Ġunju 2014**: Mietet omm il-partijiet, Rosa Buttigieg, u dan skont ċertifikat tal-mewt[2];

[1] *Fol.*6 *et seq.*
[2] *Fol.*5

iii. **23 ta' Ottubru 2014:** L-attriċi ppreżentat nota ta' rinunzja fil-Qorti tal-Maġistrati ġewwa Għawdex, fis-Sezzjoni tal-Ġurisdizzjoni Volontarja, fejn irrinunzjat għall-wirt ta' ommha, d-*decuius* Rose Buttigieg, u żammet ferm id-drittijiet għas-sehem riżervat spettanti lilha mill-wirt ta' ommha u d-drittijiet naxxenti mill-wirt u s-suċċessjoni ta' missierha Emmanuel Buttigieg[3];

iv. **18 ta' Novembru 2014:** L-attriċi preżentat ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistrati ġewwa Għawdex, fis-Sezzjoni tal-Ġurisdizzjoni Superjuri fis-Sezzjoni Ġenerali[4] fejn interpellat lill-konvenuta, bħala l-unika eredi ta' ommhom, tersaq għall-likwidazzjoni tas-sehem riżervat;

v. **28 ta' Novembru 2014***:* Il-konvenuta preżentat ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistrati ġewwa Għawdex, fis-Sezzjoni tal-Ġurisdizzjoni Superjuri fis-Sezzjoni Ġenerali fejn iddikjarat li hi ma kinitx qiegħda ċċaħħad lill-attriċi mis-sehem riżervat u anqas tirrifjuta li tħallsu, u nterpellat lill-attriċi sabiex tersaq ħalli bi ftehim u bin-nomina ta' Perit arkitett issir stima tal-assi sabiex jiġi likwidat l-istess sehem[5];

vi. **4 ta' Diċembru 2014 sal-10 ta' April 2015:** Bejn id-difensuri tal-partijiet saru diversi ittri bonarji u *emails*, mingħajr preġudizzju,

---

[3] *Fol.*9
[4] *Fol.*23
[5] *Fol.*16

rigward valutazzjoni tal-immobbli formanti parti mill-wirt tad-*decuius* sabiex jiġi kkalkulat is-sehem riżervat. Ġew kambjati wkoll abbozzi relatati mat-transazzjoni u l-ħlas tas-sehem riżervat;[6]

vii. **13 ta' April 2015**: Il-konvenuta preżentat Ċedola ta' Depożitu fil-Qorti tal-Maġistrati ġewwa Għawdex, fis-Sezzjoni tal-Ġurisdizzjoni Superjuri fis-Sezzjoni Ġenerali fejn iddikjarat li hi kienet qiegħda tiddepożita taħt l-Awtorità tal-Qorti s-somma ta' mija, ħamsa u tletin elf Ewro **(€135,000)** u dan wara li għalkemm kważi saret transazzjoni bejn il-partijiet, l-attriċi f'din il-kawża ma dehritx quddiem in-Nutar sabiex tiffirma l-kuntratt relevanti u jitħallas is-sehem riżervat lilha, u dan għaliex skont il-konvenuta f'din il-kawża, l-attriċi riedet tiffirma abbozz ta' kuntratt bi klawżoli mhux relevanti u ta' preġudizzju għall-konvenuta fir-rigward tad-drittijiet spettanti lilha mill-wirt ta' missierha;

viii. **24 ta' April 2015**: Tressqet din il-kawża.

9. Din il-Qorti rat il-**valuri mogħtija** lill-immobbli kkunsidrati għall-kalkolu tas-sehem riżervat **mill-Perit imqabbad mill-attriċi**, l-Perit Robert Borg Hayman, li skont stima tat-13 ta' Ottubru 2014:

- Porzjon ta' raba' ta' madwar tliet mitt u sebgħa (307) metri kwadri fi Triq il-Ġebla ta' Sansuna, ix-Xagħra, Għawdex u magħrufa bħala l-

[6] *Fol.* 25 *et seq*

Giardina tal-Mitħna: mija u erbgħa u tmenin elf Ewro (€184,000);

- Id-dar numru 23 fi Pjazza l-Vittorja, ix-Xagħra, Għawdex: ħamsa u sebgħin elf Ewro (€75,000);

- Porzjon ta' raba' fi Triq Liberat Grech ta' madwar elf, mija u erbgħa u għoxrin (1124) metri kwadri: sitt mija erbgħa u sebgħin elf Ewro (€674,000);

- Id-dar magħrufa bħala «Mayflower» fi Vjal it-8 ta' Settembru, ix-Xagħra, Għawdex: tliet mitt elf Ewro (€300,000).[7]

10. Il-Perit Robert Borg Hayman ġie mressaq diversi drabi in eżami u in kontroeżami. Fir-rigward tar-raba' fi Triq il-Liberat Grech, fejn hemm l-akbar diskrepanza bejn il-valur mogħti minnu u l-valur mogħti mill-Perit tekniku nkarigat mill-Ewwel Qorti, ix-xhud xehed is-segwenti (kif ġabret fil-qosor l-Ewwel Qorti):

*<<... Xehed li l-biċċtejn art mar jarahom, kejjilhom kif seta', u ħareġ il-valur tagħhom billi kkumparhom ma' artijiet fil-viċin filwaqt li kkunsidra wkoll li huma t-tnejn fabbrikabbli skont il-pjan lokali tal-Awtorità tal-Ippjanar[8].*

...

*Rigward ir-raba' ta' Triq Liberat Grech li hu taha valur ta' sitt mija u erbgħa u sebgħin elf erba' mitt* ewro *(€674,400), jgħid illi hu taha dan il-valur stante li hija fabbrikabbli skont il-pjanijiet lokali. Mistoqsi jekk jaqbilx li l-art ma tmissx ma triq pubblika jgħid li ma jaqbilx. Muri ritratt mill-ajru preżentat mill-perit tekniku a fol. 161, jgħid li minn dan huwa jagħraf din l-għalqa bħala mdawra bini u għelieqi oħra. Iżid iżda li wieħed irid jikkonsulta wkoll il-pjan lokali sabiex jara hemmx toroq skemati. Jgħid li aktarx huwa għamel hekk biex wasal għall-valur li taha. Jgħid li jiftakar li sabiex aċċeda għal din l-għalqa huwa daħal minn sqaq li ladarba huwa miftuħ għal pubbliku huwa jqisu bħala triq. Jiċċara li dakinhar li huwa daħal fl-għalqa l-isqaq ma kienx żviluppat bħala triq.*

*Jimmarka minfejn daħal huwa dakinhar li aċċeda għal din l-għalqa fuq dokument (ritratt) a fol. 385 tal-proċess.*

---

[7] *Fol*. 69 u 70 *et*

[8] *Fol.*65 sa 68 u 363 sa 22

*Jgħid li madwar l-għalqa in mertu dakinhar li mar huwa ma kien hemm ebda żvilupp.*

*Iżid li huwa ra l-pjanijiet lokali iżda ma rriċerkax dwar jekk sarux applikazzjonijiet għal żvilupp fil-viċinanzi tal-għalqa in mertu.*

*In rieżami, jgħid illi fiż-żmien li għamel il-valutazzjoni huwa, l-għalqa in kwistjoni kienet f'żona fabbrikabbli. Iżid iżda li ma jafx x'hemm toroq ipproġettati f'dik iż-żona. Jgħid li l-fatt li l-għalqa mhijiex mat-triq waqqa' l-valur tagħha b'xi tletin fil-mija (30%).*

*In kontroeżami ulterjuri, jgħid li l-passaġġ li minnu huwa daħal fl-għalqa ta' Triq Liberat Grech huwa kkunsidrah bħala passaġġ pubbliku stante li kien miftuħ għal kulhadd. Jgħid li jekk wieħed li jiġi sabiex jibni għal fuq dan il-passaġġ ma jitħalliex jagħmel hekk, il-valur talgħalqa jaqa' ħafna. Jinsisti iżda li l-art hija fabbrikabbli, mhux agrikola.*

*Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-pjan lokali hemmx diġà triq skemata għal din l-għalqa jgħid li ma jidhirlux li hemm. Jinsisti iżda li l-valur li ta lill-għalqa huwa valur ta' proprjetà li tagħti fuq passaġġ pubbliku fuq liema wieħed jista' jiftaħ aperturi. Iżid li jekk dan mhux il-każ, l-istima tonqos ħafna.*

*In rieżami ulterjuri, jgħid illi l-għalqa ta' Triq Liberat Grech fiha tomna. Jgħid li sabiex wieħed iġib permess għall-residenza din irid ikollha faċċata fuq triq pubblika, jekk le ma johrogx permess. Jgħid li ma jiftakarx jekk hemmx triq skemata. Iżid li rigward din l-art wieħed dejjem jista jaghmel Policy Control Application u jitlob li tigi skemata triq.*

*In kontroezami ulterjuri,28 jgħid illi huwa qies din l-art daqskieku fetaħ faċċata sħiħa fuq il-passagg pubbliku filpotenzjal kollu tagħha ta' tliet (3) sulari. Jiċċara li huwa kkunsidra l-art bħallikieku kienet fuq it-triq ta' barra.>>*

11. Tirreferi għall-**valutazzjoni mogħtija lill-immobbli** kkunsidrati għall-kalkolu tas-sehem riżervat **mill-Perit tekniku** AIC Alex Bigeni, **appuntat mill-Ewwel Qorti, fuq talba tal-attriċi,** nhar l-14 ta' April 2016[9]:

*"fejn jiddeskrivi l-istess f'dettal. Jiddeskrivi wkoll iż-żoni fejn dawn jinsabu billi jirreferi għall-pjanti u ritratti li jiddikjara li l-partijiet qablu magħhom. Jirrapporta għalhekk fuq ilpotenzjal ta' żvilupp tagħhom.*

---

[9] *Fol.* 145

*1. Id-dar numru 23 fi sqaq li jagħti għal Pjazza l-Vittorja, ix-Xagħra, Għawdex: ħamsa u sebgħin elf* ewro *(€75,000)—f'każ li din hija freehold; ħamsa u tletin elf* ewro *(€35,000)—f'każ li m'hijiex freehold;*

*2. Porzjon ta' raba' ta' madwar disa' mija u ħamsin (950) metri kwadri b'aċċess minn passaġġ fi Triq Liberat Grech, ix-Xagħra, Għawdex: mitt elf* ewro *(€100,000);*

*3. Porzjon ta' raba' ta' madwar tliet mitt (300) metri kwadri b'aċċess minn Triq Sansuna, ix-Xagħra, Għawdex: mitejn u għaxart elef* ewro *(€210,000);*

*4. Id-dar bla numru, magħrufa bħala «Mayflower» fi Vjal it-8 ta' Settembru, ix-Xagħra, Għawdex: tliet mitt elf* ewro *(€300,000).*[10]"

12. Tirreferi wkoll għax-**xhieda in subizzjoni tal-konvenuta rigward il-post ta' residenza tagħha**[11] (kif ġabret fil-qosor l-Ewwel Qorti) fejn qalet:

*"illi hija tgħix «Mayflower», Vjal it-8 ta' Settembru, ix-Xagħra, Għawdex. Tgħid li ilha tgħix f'din il-proprjetà kemm ilha miżżewġa u dan inkluż flimkien ma' ommha. Taqbel li f'numru 23, Pjazza il-Vittorja, ix-Xagħra, Għawdex ma jirresjedi ħadd. Iżżid li għexet fih hi għal ftit xhur biss għall-bidu li żżewġet. Tgħid li rigward il-kera fuq numru 23, li semma żewġha waqt l-aċċess tal-perit tekniku, għandha ktieb tal-kera. Tgħid li dan il-ktieb kien għamilulha missierha qabel iżżewġet sabiex għexet hemm. Obbligat ruħha tippreżenta l-ktieb tal-kera u l-kontijiet tal-utilitajiet.*

*B'nota tal-25 ta' Mejju, 2017 il-konvenuta esibit kopji talirċevuti tal-kera għall-fond numru 23, Pjazza il-Vittorja, ix- Xagħra mħallsa minnha lil certu «E. Buttiġieg» għall-iskadenzi tas-16 ta' Awwissu, 1980 u Awwissu 1981 u lil Mary Rose Buttiġieg għall-perijodu mill-15 ta' Awwissu, 1982—fejn il-konvenuta kien għadha tidher b'kunjom xbubitha «Buttiġieg»—sal-15 ta' Awwissu, 2013 fejn mill-iskadenza ta' Awwissu, 1983 sal-aħħar bdiet tidher b'kunjomha ta' miżżewwga «Farrugia».*

*Xehdet ulterjorment illi l-kitba li tidher fl-ewwel irċevuti tal-kera hija ta' missierha. Iżżid li missierha krilha l-fond numru 23 sabiex toqgħod fih qabel iżżewġet u biex tirranġah. Tgħid li fil-fatt irranġatu. Iżżid li missierha miet fl-1981, meta żżewġet hi, fejn allura bdiet toħroġ l-irċevuti ommha. Tgħid li wara mewt missierha ommha ma riditx toqgħod waħedha u talbitha tgħix magħha. Tgħid li allura hija lil ommha kienet issajrilha, tnaddfilha u torqod magħha. Tgħid li fit-23 ma setgħetx tieħu*

[10] *Fol.* 147 *et seq.*
[11] *Fol.* 194 sa 197, 200 sa 220 u 223 sa 231

> *'l ommha għax zgħir. Iżżid li t-23 għandu l-utilitajiet. Tgħid li meta oħtha sseparat, din kienet ukoll toqgħod magħhom «Mayflower» bit-tnejn li huma jorqdu ma' ommhom. Iżżid iżda li ġieli raqdet numru 23. Imfakkra li waqt l-aċċess in-numru 23 kienet mimlija qiesha maħżen, tgħid li dan għaliex lgħamara*
>
> *tagħha kollha hemm qiegħda. Tgħid li n-numru 23 ilha bl-għamara hekk minn qabel iżżewġet.*
>
> *Għal darb'oħra obbligat ruħha li tesibixxi l-kontijiet tal-utilitajiet relattivi għan-numru 23 tal-ahhar għaxar (10) snin."*

13. Din il-Qorti rat is-segwenti **verbal** magħmul mid-difensur tal-konvenuta nhar id-9 ta' Mejju 2017[12] bir-replika tad-difensur tal-attriċi u kontro-replika tad-difensur tal-konvenuta:

> *"Dr. Mario Scerri ghall-konvenuta jirrileva illi hemm depozitati taht l-Awotrita ta din il-Qorti permezz ta cedola ta depozitu, somma ta flus li hija bizzejjed biex l-attrici tiehu s-sehem riservat skont ilvaluri tal-beni li gew stabbiliti mill-perit tekniku l-AIC Alexander Bigeni. Id-depozitu kien sar qabel ma nfethet il-kawza u ma hemm ebda limitazzjoni jew riserva fic-cedola li zzomm lill-attrici milli tizbanka s-sehem riservat skont il-valuri li wasal ghalihom l-istess perit tekniku.*
>
> *Dr. Angele Formosa ghall-attrici tirrileva illi s-sehem riservat ma jigix ikkalkolat biss fuq il-proprejta mmobiljari tal-mejta Mary Rose Buttigieg. Illi in oltre ma huwiex minnu illi ma hemmx kwalifiki ficcedola ta depozitu maghmula minn Mary Jane Farrugia, anzi jidher li l-istess depozitu sar bhala hlas tas-sehem riservat dovut lill-attrici skont il-ligi u l-attrici ma tistax tizbanka l-ammont minghajr ma tippregudika l-posizzjoni taghha.*
>
> *Dr. Mario Scerri ghall-konvenuta jirrileva li sal-lum l-attrici ghadha ma resqet ebda prova dwar xassi jista jkun hemm fil-wirt tal-omm, oltre l-immobbli li gew valutati mill-perit tekniku. In oltre jtenni illi c-cedola li giet ipprezentata li tkopri flus bizzejjed biex l-attrici tithallas is-sehem riservat skont il-valuri li wasal ghalihom il-perit tekniku ma tikkontjeni ebda riserva u fi kwalunkwe kaz qieghed jerga jaghti l-kunsens tieghu biex l-attrici tizbanka dik is-somma mill-imsemmija cedola li tkun tkopri s-sehem riservat taghha mill-ammont likwidat u dan interament minghajr pregudizzju ghal xi drittijiet li hi jista jibqala rigward il-pretensjonijiet taghha."*

---

12 *Fol*. 198 u 199

14. **Rat l-affidavit mressaq mill-konvenuta**[13]**,** (kif ġabret fil-qosor l-Ewwel Qorti):

*"Tgħid li oħtha għażlet li tirrinunzja l-wirt ta' ommha u titlob is-sehem riżervat. Iżżid li hi ma rrifjutatax li tagħtiha dan is-sehem.*

*Tispjega li b'diversi ittri bejn l-avukat tagħha u dak ta' oħtha kienu ddiskutew li jitqabbdu periti sabiex jagħmlu stejjem neċessarji għal dan.*

*Iżżid li dwar il-beni mmobbli t'ommhom qatt ma kien hemm kontestazzjoni li dawn huma nofs (½) indiviż tad-dar «Mayflower», nofs (½) indiviż tad-dar numru 23, porzjon art fil-kejl ta' tliet mitt (300) metri kwadri f'«Ta' Sansuna», u porzjon art fil-kejl ta' disa' mija u ħamsin (950) metri kwadri f'«Ta' Bullara»—Triq Liberat Grech—ilkoll ix- Xagħra, Għawdex.*

*Tgħid li hi ma kinitx qablet mal-valutazzjonijiet miġjuba minn oħtha, l-attriċi rigward l-art f'«Ta' Bullara» u d-dar numru 23. Tgħid li dan peress li d-dar numru 23 hija soġġetta għall-kera u l-art «Ta' Bullara» hija interkjuża u aċċessibbli biss minn passaġġ privat. Iżżid li «Ta' Bullara» m'għandiex faċċata għat-triq u għalkemm taqa' f'żona taliżvilupp, ma tistax tinbena għaliex m'hemmx triq quddiemha. Iżżid li l-perit tekniku maħtur mill-Qorti vvaluta «Ta' Bullara» ferm anqas minn dak li talbet għaliha oħtha. Tgħid ukoll li d-dar numru 23 oħtha kienet qed tqisha bħala libera u franka, mhux mikrija, mentri hi taf li d-dar mikrija.*

*Rigward id-dar numru 23 tgħid li din kienu krewha lilha ommha u missierha fl-1980, ftit qabel iżżewġet sabiex tirranġaha u tgħix fiha wara ż-żwieġ. Iżżid li hi żżewġet fit- 8 ta' Diċembru, 1981 u daħlu jgħixu f'din id-dar. Tgħid li ilhom jgħixu fiha minn dakinhar. Iżżid li hi baqgħet tħallas il-kera lil ommha sa ma mietet u, wara li mietet, offriet il-kera lil oħtha u din irrifjutatha. Tgħid li għalkemm hi u familtha kienu jqattghu hafna hin m'ommha hija kienet tfittex li torqod fid-dar numru 23.*

*Tesibixxi kopja ta' valutazzjoni tal-proprjetajiet in mertu li hija kienet ottjeniet mingħand il-Perit Edward Scerri.*

*Iżżid li f'xi żmien hi u oħtha kienu qablu fuq valur għassehem riżervat ta' oħtha. Tgħid iżda li meta ġew għall-kuntratt oħtha riedet iddaħħal klawsoli irrilevanti. Iżżid li kien sar appuntament għand Nutar iżda oħtha ma ressqitx għall-firma u sabiex tirċievi s-sehem riżervat. Tgħid li f'dan l-istadju hi ma kellhiex għażla għajr li tagħmel ċedola l- Qorti fl-ammont li hija kienet offriet lil oħtha u oħtha qablet fuqu.*

*Tesibixxi kopja taċ-ċedola u dokumenti annessi magħha.*

*Iżżid li ċ-ċedola qatt ma ġiet żbankata u minflok saret din il-kawża.*

[13] *Fol.* 242 sa 246, b'dokumenti a fol. 247 sa 294.

*Iżżid li ommha ma kellhiex flus f'banek u kellha biss pensjoni tar-romol ta' xi seba' mitt* ewro *(€700) kull 4 ġimgħat mis-Sigurtà Soċjali u xi ħaġa żgħira mit-Teżor.*

*Tikkonkludi li tenut kont tal-offerta li hija għamlet lil oħtha u dak li segwa, hija ser toqgħod għad-deċiżjoni tal-Qorti. Iżżid iżda li mhijiex lesta tħallas imgħax u spejjeż tal-kawża billi naqas minn oħtha li m'accettatx l-offerta ta' flus li saritilha u li ma żbankatx iċ-ċedola."*

15. **Rat ukoll li in kontroeżami** l-konvenuta xehdet (kif ġabret fil-qosor l-Ewwel Qorti):

*"illi missierha ħalla testment wara mewtu. Tgħid li safejn taf hi missierha m'għamel ebda distinzjoni bejn uliedu. Tgħid li meta miet misserha hi kien għadha xebba, kien għadhom jiftiehmu u kienu joqogħdu lkoll flimkien.*

*Tgħid li jekk fit-testment tagħha, ommha ma ħallitx lilha u lil oħtha ndaqs, kien hemm raġunijiet għal dan. Tgħid li lproprjetà ta' ommha ma nqasmitx ugwalment bejnha u bejn oħtha. Tgħid li dan kien għax hi daret b'ommha. Tgħid li għal xi żmien għexu lkoll għand ommha, fid-dar «Mayflower», hi, żewġha, bintha, oħtha, u bint oħtha -flimkien ma' ommhom- u dan kien meta oħtha sseparat minn mar-raġel li kellha.*

*Iżżid li hi ma kinitx tkun kuljum fid-dar «Mayflower» għax hi kellha n-numru 23 b'kera. Tgħid li ġieli ħalliet lil bintha ma' ommha u hi marret fin-numru 23. Iżżid li hi ma kinitx tkun kuljum fid-dar «Mayflower», kienet tkun hemm biex iddur b'ommha.*

*Tgħid li flus id-dar ommha ma kellhiex. Iżżid li ommha kienet tgħix bil-pensjoni.*

*Tgħid li lil ommha kienu jgħinuha bil-ħasil hi u bintha però ommha baqgħet toħroġ issarraf iċ-ċekk tal-pensjoni u tmur għand xi zijiet. Tgħid li biex issarraf iċ-ċekk lil ommha kien iwassalha sal-pjazza ir-raġel tagħha. Iżżid li hija kienet toqgħod fil-pjazza, fin-numru 23. Tgħid li ġieli ommha kienet iddum barra tant li kienet toħroġ tfittixha għand zijiet u kuġini li joqgħodu fil-pjazza.*

*Tgħid li mhux l-istess għall-Knisja fejn lil ommha kien jiġi qassis iqarbina d-dar u ġieli tagħtu xi ħaġa tal-flus.*

*Iżżid li ommha kienet anke tagħti xi flus lil xi nies għallmissjoni.*

*Tgħid li ġieli bagħtet bil-flus anke lill-attriċi x'imkien in-Nadur.*

*Tgħid li dak iż-żmien il-pjazza ma kienx hemm kafetteriji u ristoranti fejn ommha setgħet tonfoq il-flus. Iżżid iżda li mhux bil-kafè tonfoq il-flus.*

*Tgħid li ma tistax tgħid fejn kienet tmur il-pensjoni ta'ommha għax ma kinitx tkun magħha l-ħin kollu.*

*Tgħid li wara mewt ommha kienet bintha li baqgħet tgħix fid-dar ta' ommha «Mayflower». Tgħid li sa fejn taf hi oħtha kellha ċwievet ta' «Mayflower».*

*Tinsisti li wara mewt ommha flus fid-dar ma sabitx. Rigward mobbli tgħid li għaddew seba' (7) snin u hi rrimpjazzat diversi minnhom. Issemmi li l-kċina li kien hemm kilitha s-susa. Tgħid iżda li fid-dar ommha kellha li kien hemm bżonn bid-dar kienet armata sewwa.*

*Tgħid li meta kienu qed jippruvaw jaslu u kkalkolaw issehem riżervat hi ħalliet f'idejn l-Avukat tagħha. Rigward jekk fil-kalkoli ġewx inkluzi mobbli u affarijiet simili tgħid li kulħadd mar jara x'kien hemm.*

*Rigward x'valuri ma kienx hemm qbil fuqhom tgħid li tiftakar kwistjoni fuq biċċa art kinitx fabbrikabbli jew le.*

*Tgħid li din hi l-art li qiegħda fi sqaq fi Triq Liberat Grech u sa fejn taf hi ma tinbeniex. Iżżid li ma tafx jekk madwar din l-art issa nbeniex kollu u nfetħitx triq."*

16. Din il-Qorti rat ukoll li **xehed id-difensur legali** tal-konvenuta permezz tal-affidavit[14] u l-kontroeżami[15] tal-istess (kif miġbura fil-qosor mill-Ewwel Qorti)**:**

*"iddikjara illi l-konvenuta qatt m'oġġezzjonat li jitħallas is-sehem riżervat lill-attriċi. Jgħid li ntbagħtu diversi ittri sabiex jitqabbdu periti għal dan il-għan. Jikkonferma l-assi li kellha omm il-partijiet bħala nofs (½) indiviż minn kull waħda mid-djar «Mayflower» u numru 23 kif ukoll l-intier ta' porzjon art aċċessibli minn passaġġ privat fi Triq Liberat Grech u ta' porzjon art ieħor fi Triq ta' Sansuna.*

*Jgħid li omm il-partijiet kellha biss il-pensjoni tar-romol li kienet tgħix minnha.*

*Jgħid li dwar il-valuri ta' «Mayflower» u r-raba' «Ta' Sansuna» kien hemm qbil.*

[14] Fol. 308 sa 312, b'dokumenti annessi a fol. 313 sa 355
[15] Udjenza tal-11 ta' Mejju, 2022.

*Iżid li dwar il-valur mogħti mill-attriċi lir-raba' ta' Triq Liberat Grech li kien ta' sitt mija u erbgħa u sebgħin elf erba' mitt* ewro *(€674,400) ma kienx hemm qbiel. Jgħid li dan kien valur gonfjat kif fil-fatt ikkonferma l-perit tekniku maħtur mill-Qorti. Jispjega li dan ir-raba', għalkemm jaqa' f'żona ta' żvilupp, huwa biss aċċessibli minn passaġġ privat u m'għandux faċċata mat-triq pubblika.*

*Iżid li nuqqas ta' qbiel ieħor kien dwar id-dar numru 23. Jgħid li din id-dar kienet mikrija lill-konvenuta u hekk baqgħet anke sa ma mietet omm il-kontendenti. Iżid li lattriċi bdiet proċeduri quddiem il-Bord tal-Kera— bin-numru 7/2018. Jgħid li proposta li saret sabiex tittieħed medja bejn il-valur ta' dan il-fond kif lokat u mhux lokat*
*ma' ntlaqgħetx mill-attriċi.*

*Jiddikjara li fuq bażi mingħajr preġudizzju u sabiex tevita kawża, il-konvenuta offriet ħlas kumplessiv ta' mija u ħamsa u tletin elf* ewro *(€135,000) lil oħtha għas-sehem riżervat tagħha. Jgħid li din kienet aċċettata mill-attriċi tant li ġiet inkarigata Nutar sabiex tħejji kuntratt. Iżid li l-attriċi iżda pretendiet li jsiru emmendi fil-kuntratt li ma kinux rilevanti.*

*Iżid li l-attriċi kienet infurmata li jekk tonqos milli tidher għall-firma tal-kuntratt u sabiex tiġbor il-ħlas, il-konvenuta kienet ser tagħmel ċedola ta' depożitu tal-valur maqbul sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà għall-ħlas ta' imgħax u spejjeż. Jgħid li fil-fatt hekk sar u dan biċ-ċedola numru 79/2015. Jgħid li huwa kien preżenti fl-uffiċċju tan- Nutar bi prokura sabiex jiffirma f'isem il-konvenuta u*
*b'ċekk f'idu iżda l-attriċi ma dehritx. Iżid li l-iżbank tad-depożitu ma kien suġġett għal ebda kondizzjoni iżda l-valur depożitat baqa' mhux żbankat.*

*Jesibixxi kopja taċ-ċedola bid-dokumenti kollha annessi magħha inkluż l-ittri mibgħuta bejnu u l-Avukat tal-attriċi."*

**u**

*"In kontroeżami,43 jgħid illi qabel saret il-kawża kien sar abbozz ta' kuntratt. Jaqbel li abbozz huwa dejjem suġġett għall-modifiki ta' kull parti.*

*Jaqbel li huwa ma aċċettax il-modifiki għall-abbozz proposti mill-attriċi u ssenjala li jekk ma jiġix iffirmat ilkuntratt kif abbozzat minnu fi żmien ġimgħa kienu ser jiddepożitaw iċ-ċedola. Jispjega li dan seħħ peress li ttrattativi kienu jirrigwardaw l-eredità tal-omm kif fil-fatt saret il-kawża— limitata għali-eredità tal-omm. Jgħid li huwa llimita l-abbozz tal-kuntratt għal dan. Iżid li minn naħa l-oħra l-attriċi bdiet iddaħħal fl-abbozz materja relattiva għall-eredità ta' missier il-kontendenti.*

*Jgħid li kwistjoni serja kienet li fl-abbozz ddaħħlet kondizzjoni li setgħet tippreġudika d-drittijiet ta' żewġ il-konvenuta fuq il-kirja tad-dar numru 23. Jgħid li l-kwistjoni kellha tibqa limitata għall-valur tan-numru 23. Jgħid li huwa, ladarba l-kumpatazzjoni tas-sehem riżervat kienet*

*maqbula, ma rax lok għall-inklużjoni ta' kliem ieħor flabbozz.*
*Jgħid li mbagħad, ladarba l-attriċi u r-rappreżentant legali tagħha ma attendewx għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, huwa kellu bilfors jagħmel iċ-ċedola. Jgħid li ċ-ċedola saret mingħajr kundizzjonijiet. Iżid li ċ-ċedola għadha sal-lum mhux żbankata.*

*Jgħid li dakinhar tal-aċċess tal-perit tekniku ż-żewġ Avukati patroċinanti l-partijiet kienu preżenti. Mistoqsi ddar numru 23 hijiex abitabbli fl-istat li hi jgħid li huwa ġieli daħal fi djar inabitabbli. Jgħid li n-numru 23 għalih kienet abitabbli. Jgħid li din hija kwistjoni ta' perċezzjoni u suġġettiva. Iżid li kif tkun dar jiddependi wkoll mill-mezzi tal-abitant.*

*Jgħid li bint il-konvenuta minn twelidha trabbiet u kibret ma' nannietha fid-dar «Mayflower» għax ommha u missierha t-tnejn kienu jaħdmu. Jgħid li ma jafx jekk bint ilkonvenuta baqgħetx tgħix waħedha fid-dar «Mayflower» b'ommha u missierha jgħixu fin-numru 23."*

**Konsiderazzjonijiet Legali**

17. Wara li fliet l-appelli mressqa, din il-Qorti sejra tibda billi tindirizza l-appell inċidentali u wara l-appell prinċipali.

18. **Tqis li jkun siewi li tibda billi tindirizza t-tieni u t-tielet aggravju tal-appell inċidentali qabel l-ewwel aggravju.**

19. Permezz tat-**Tieni Aggravju** l-appellanta tilmenta li l-Ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors tagħha tas-17 ta' Ġunju 2022 u dan permezz tad-digriet tal-21 ta' Lulju 2022. Tilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti ċaħdet il-ħatra ta' Perit sabiex jistma l-assi tad-*decuius* u dan qrib id-data tas-sentenza kif kienet irriżervat l-attriċi. Tilmenta li s-sehem riżervat kien dovut għaliex l-attriċi ma tħalliet xejn fil-wirt u li r-raġunament tal-Ewwel Qorti li l-istima tal-assi tibbaża ruħha fuq il-valuri skont kif kienu fiż-żmien li nfetaħ il-wirt

huwa skorrett. Kellu jsegwi li ma kien hemm l-ebda ħtieġa li l-proprjetà tiġi vvalutata fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni u l-uniku eżerċizzju pertinenti għall-każ kien li ssir valutazzjoni viċin id-data tas-sentenza, dan aktar u aktar meta l-valur tal-propjetajiet ivvalutati għall-kalkolazzjoni tas-sehem riżervat awmenta.

20. Iċ-ċaħda tar-rikors tal-attriċi kien ibbażat fuq prinċipji skorretti u għad-detriment tal-attriċi u ċaħdet il-possibilità li l-esponenti titħallas b'valur reali. Tgħid li l-Qorti xorta ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza tagħha għaliex il-perit tekniku li vvaluta l-assi kien għadu ma ħalifx ir-rapport u anqas it-tweġibiet in eskussjoni. Aktar minn hekk l-attriċi, nhar id-29 ta' Novembru 2022, talbet lill-Ewwel Qorti sabiex tagħmel domandi addizzjonali lil Perit wara li jaħlef ir-rapport, u li l-perit iwieġeb id-domandi fil-kuntest tal-valur tas-suq kurrenti iżda l-Ewwel Qorti ċaħdet din it-talba u l-Perit tekniku ġie li ħalef ir-rapport fl-2022 fuq valuri tal-2017. Fid-digriet tagħha tas-7 ta' Diċembru 2022 l-Ewwel Qorti rreferiet għad-digriet tagħha tal-21 ta' Lulju 2022 u ma għamlet l-ebda osservazzjonijiet ulterjuri oħra. Tgħid li kieku l-Perit tekniku tħalla jagħmel valutazzjonijiet ulterjuri, l-valur tas-sehem riżervat ikun jista' jiġi aġġornat.

21. **Il-konvenuta twieġeb li** dan l-aggravju huwa fieragħ u vessatorju u li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ċaħdet ir-rikorsi mressqa mill-attriċi u dan meta l-provi kienu ġew magħluqa u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

L-attriċi pretendiet li tippreżenta valutazzjoni ġdida u li ddaħħal affidavit tagħha, wara li ndunat li dan ma għamlitux. L-attriċi qed tagħmel valutazzjoni skorretta tal-ġurisprudenza kkwotata minnha u dan għaliex il-valutazzjoni tal-proprjetà sabiex jiġi stabbilit is-sehem riżervat irid jittieħed fiż-żmien ta' meta tressqet il-kawża u mhux meta nfetħet is-suċċessjoni, madankollu, dan ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kellha tammetti stimi ta' aġenti u rivalutazzjoni meta l-kawża kienet għas-sentenza. Mill-atti mkien ma jidher li l-attriċi għamlet xi riżerva għall-ħatra ta' periti ulterjuri.

22. **Il-Qorti tqis li** permezz tar-rikors imressaq mill-attriċi nhar is-17 ta' Ġunju 2022, hi talbet li l-perit tekniku appuntat mill-Ewwel Qorti jaġġorna l-valuri tal-immobbli sabiex jirriflettu l-valur fl-2022, liema talba l-konvenuta opponiet għaliha. L-Ewwel Qorti, permezz ta' digriet tal-21 ta' Lulju 2022, qieset li: *"Tqis li l-kriterju tal-valutazzjoni biex isir il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat għandu jkun kemm kien jiswa l-ġid fiż-żmien li nfetaħ il-wirt u fil-kundizzjoni li kien f'dak iż-żmien".* Jiġi nnutat ukoll li l-Ewwel Qorti ndirizzat din il-kwistjoni fis-sentenza mogħtija minnha:

> *"Kwistjoni li tqajmet u li trid tindirizza din il-Qorti tirrigwarda jekk il-valur tas-sehem riżervat għandux jinħadem fuq il-valur tal-assi fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral kif jipprovdi l-Artikolu 620(2) jew il-valur tal-istess aktar tard u aktar qrib id-data ta' dan il-ġudizzju.*
>
> *....*

*Din il-Qorti hija konxja li wisq lejn l-aħħar ta'dawn il-proċeduri, u addirittura meta din l-istanza kienet diġà ġiet mħollija għas-sentenza permezz tal-verbal tal-11 ta' Mejju, 2022, l-attriċi intavolat rikors—fis-17 ta'Ġunju, 2022— sabiex abbażi ta' ġurisprudenza in linja ma dik suċċitata ttentat iddaħħal valutazzjonijiet ulterjuri tal-proprjetajiet tad-decujus.*

*Din il-Qorti ċaħdet dan bid-digriet tagħha tal-21 ta' Lulju, 2022 u tirritjeni li tali ċaħda kienet ġusta u meritata f'dak l-istadju stante t-tardività tat-talba attriċi li addirittura ma użufruwitx ruħha minn dawk ir-rimedji li tikkonċedi l-liġi f'kaz li riedet validament tressaq valutazzjonijiet ulterjuri.*

*F'dan is-sens, il-Qorti tosserva li l-attriċi naqset milli tagħmel tali talba għall-valutazzjoni ulterjuri jew għall-modifika ta' xi valutazzjoni in atti fl-istadju tal-ġbir tal-provi tagħha. Naqqset ukoll milli tipprevalixxi ruħha mid-dritt li ttiha l-liġi li titlob perizja perizjuri fuq il-valutazzjonijiet mogħtija mill-perit tekniku maħtur għal dak il-għan mill- Qorti.*

*Il-Qorti tosserva ulterjorment li finalment il-valutazzjonijiet li sejra tistrieħ fuqhom ma jistgħux jitqiesu li m'humiex ta' żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjarja ta' din id-deċiżjoni. Dan stante li dawn ingħataw mill-perit tekniku nhar tat-23 ta' Mejju, 2016. Addirittura, l-istess valutazzjonijiet huma in linja ma' dawk tal-perit ex parte li ressqet rapport tiegħu l-attriċi stess—rapport a fol. 69 sa 71—għajr fir-rigward ta' proprjetà waħda ossia, il-porzjon art aċċessibbli minn passaġġ li jagħti għal Triq Liberat Grech.*

*Abbażi ta' dan, u fuq l-iskorta ta' din il-ġurisprudenza, din il-Qorti sejra tadotta l-valuri tal-proprjetà immobbli kif mogħtija mil-perit tekniku maħtur minnha, il-Perit Alex Bigeni, fir-rapport tiegħu a fol. 147 et seq tal-proċess, magħdud kont ukoll tad-dikjarazzjonijiet ulterjuri tal-istess perit fin-noti addizzjonali tiegħu a fol. 169 u a fol. 233 tal- proċess u tar-risposti li ta in subizzjoni nhar id-29 ta' Novembru, 2022 wara li ġiet sospiża l-ewwel data skedata għall-prolazzjoni tas-sentenza. B'dan illi din il-Qorti ma ġiet murija ebda raġuni serja u valida sabiex tiddipartixxi mill-istess.*
*.....*
*M'hemm xejn għalhekk x'jikkonvinċi lil din il-Qorti sabiex tiddipartixxi mir-rapport tal-perit tekniku maħtur minnha u l-valutazzjonijiet hemm magħmula minnu rigward kull proprjetà li tifforma parti mill-assi tad-decujus."*

23. Din il-Qorti sejra taqbel ma' dak meqjus mill-Ewwel Qorti fid-digriet mogħti minnha. Issa huwa minnu li l-valuri ppreżentati mill-Perit tekniku, inkarigat mill-Ewwel Qorti, jidher li kienu maħduma skont stimi taż-żmien

meta sar ir-rapport u mhux fuq stimi bbażati fiż-żmien meta nfetħet is-suċċessjoni, u li ma tressqet l-ebda kontestazzjoni fir-rigward ta' dan. Madankollu din il-Qorti sejra tagħmel tagħha dak ikkunsidrat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Bonnici vs Raymond Bonnici et**, deċiża nhar il-15 ta' Lulju 2024 (mhux appellata), fejn dik il-Qorti spjegat għaliex għandu jittieħed il-valur tal-proprjetà fiż-żmien li tkun infetħet is-suċċessjoni, għall-suċċessjonijiet miftuħa wara l-emendi li seħħu fl-2004 fil-liġi tas-suċċessjoni:

> *"59. Din il-Qorti diġà osservat li l-ġurisprudenza taħt il-liġi l-antika kienet tapplika l-prinċipju li l-leġittima tiġi likwidata skont il-valuri l-aktar qrib iż-żmien tal-likwidazzjoni meta d-dritt tal-leġittimarju, li oriġinarjament kien dritt in natura fuq il-beni tal-mejjet, ikollu jiġi konvertit fi dritt ta' kreditu minħabba l-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-leġittimarju. Huwa proprju għalhekk li dik il-ġurisprudenza kienet qed tapplika l-valur fiż-żmien tal-konverżjoni tad-dritt tal-leġittima minn dritt in re għal dritt ta' kreditu, u dan sabiex il-leġittimarju ma jiġix preġudikat. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-leġittimarju kellu dak iż-żmien il-jedd li jieħu l-leġittima in natura u b'hekk jibbenefika minn kull żieda fil-valur tal-ġid tal-wirt prevalenti fiż-żmien tal-assenjazzjoni. Jekk dik l-assenjazzjoni in natura tiġi vjolata jew preġudikata mill-werrieta jew mit-testatur, il-leġittimarju jkollu jitħallas bi flus. Sabiex dan isir, id-dritt tiegħu in re fuq il-beni tal-wirt jiġi konvertit fi kreditu. U sabiex dak il-kreditu jkun jirrifletti s-sehem tal-leġittimarju li, sa qabel dik il-konverżjoni, kien wieħed in re, il-ġurisprudenza stabbiliet il-prinċipju li dak il-kreditu jiġi likwidat b'riferenza għaż-żmien tal-likwidazzjoni, inkella jiġi preġudikat id-dritt tal-leġittimarju.*
>
> *60. Iżda dan kollu, wara l-emendi mwettqa bl-Att XVIII tal-2004, ma baqax jgħodd għaliex mal-mewt tad-de cuius, id-dritt li jikseb il-leġittimarju huwa minnufih dritt ta' kreditu li jakkrexxi ruħu bl-imgħax u mhux biż-żieda fil-valur tal-beni tal-wirt. Ma ssir ebda konverżjoni fid-dritt tal-leġittimarju u allura l-prinċipju tal-aestimatio rei ma jsib ebda applikazzjoni taħt il-liġi l-ġdida.*
>
> *61. Għalhekk il-Qorti se tkun qed tikkomputa s-sehem riservat spettanti lill-attur billi tqis il-valur tal-assi li kienu jappartjenu lit-testatur fiż-żmien tal-mewt tiegħu, filwaqt li l-ġid donat minnu matul ħajtu se jiġi valutat skont iż-żmien tad-donazzjoni. Il-Qorti se tkun qed tistrieħ fuq il-valuri ndikati mill-perit tekniku nkarigat minnha u se tiskarta dawk il-valuri stmati minn periti mqabbdin mill-kontendenti, flimkien jew mhux. Dan*

> *għaliex il-prova mwettqa permezz ta' perizja teknika m'għandhiex titwarrab leġġerment, u lil din il-Qorti ma nġabitilha ebda raġuni li tiġġustifika mod'ieħor kif għandha tipproċedi."*

24. Għaldaqstant, meqjus l-insenjament suespost u magħmul tagħha, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti għamlet sew li ċaħdet it-talba tal-attriċi li jiġu prodotti stimi ulterjuri u konsegwentement sejra tiċħad dan l-aggravju.

25. Permezz **tat-tielet aggravju,** l-attriċi tilmenta li l-valur mogħti lid-dar ġewwa l-pjazza tax-Xagħra kien ta' €35,000 u dan meta permezz ta' sentenza tat-3 ta' Frar tas-sena 2023, il-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Frances Curmi vs Mary Jane Farrugia, tterminat il-kirja gravanti u nhar is-7 ta' Lulju 2023, kellha tingħata s-sentenza mill-appell. L-eżitu ta' dan l-appell u ċjoè jekk din id-dar kinitx mikrija jew altrimenti libera, taffettwa drastikament il-valur tal-imsemmija proprjetà. Il-valur tal-propjetà bħala libera u franka jrid jittieħed in konsiderazzjoni għal-likwidazzjoni tal-beni u dan anke a tenur tal-kunċett tal-*jus superveniens,* li l-attriċi tgħid li huwa kunċett assodat u li matul is-snin ġie adottat meta d-domanda tal-kawża tibqa' l-istess iżda d-dritt tal-attur jiġi fis-seħħ fil-mori tal-kawża, bil-fondament tal-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju jkun l-ekonomija tal-ġudizzju. Għaldaqstant il-valur tad-dar ġewwa x-Xagħra għandu jkun dak bħala fond liberu u frank.

26. **Il-konvenuta twieġeb** illi dan l-aggravju wkoll huwa infondat, fieragħ u vessatorju. Qatt ma kien kontestat li fil-mument tal-mewt tad-

*decuius* il-fond kien mikri, u li kien ilu mikri sa mit-tmeninijiet. Għaldaqstant, il-fond ried jiġi vvalutat soġġett għal-lokazzjoni u mhux bil-pussess battal u l-Ewwel Qorti kienet korretta li qieset il-fond bħala soġġett għal-lokazzjoni u mhux battal. Il-fatt li l-attriċi dehrilha li titlob it-terminazzjoni u tirriprendi l-pussess tal-fond, ma jagħtihiex id-dritt, li jittieħed il-valur tal-fond bħala *freehold* għall-iskop tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat ladarba fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni l-fond kien legalment soġġett għall-kirja. Il-prinċipju tal-*ius superveniens* ingħatat interpretazzjoni skorretta.

27. **Din il-Qorti tqis** li ma hemm l-ebda kontestazzjoni li l-Bord li Jirregola l-Kera ta deċiżjoni fejn ittermina l-kirja li għaliha kien soġġett il-fond 23, Pjazza il-Vittorja, Għawdex. Infatti l-Bord saħaq, fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu li:

> *<<...Illi ulterjorament il-Bord ma għandu ebda dubbju li l-intimati ma kienux qegħdin jagħmlu użu mill-fond bin-numru 23, Pjazza Vittorja Xagħra għall-iskop li lilhom ingħata u ċioe bħala fond residenzjali u dan stante li jirriżulta ampjament illi l-intimati dejjem ma' omm l-intimata wara l-mewt ta' missier l-intimata, u dan fuq ammissjoni ta' l-istess intimata Mary Jane Farrugia mix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali fl-ismijiet Frances Curmi vs Mary Jane Farrugia bir-Rikors Ġuramentat Numru 23/2015 PC.*
>
> *Illi għalhekk dan il-Bord sejjer jilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti fis-sens li sejjer jittermina u jxolji l-kirja favur l-intimati in vista tal-fatt li l-iskop tal-kirja u ċioe' dik ta' dar ta' residenza ordinarja, ma għadhux aktar viġenti. In fatti, kif irriżulta dan il-Bord huwa tal-fehma li din id-dar ma għadhiex tintuża bħala dar residenzjali...>>*

28. Din il-kawża ġiet ikkonfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ġewwa Għawdex nhar is-7 ta' Lulju 2023.

29. Madankollu din il-Qorti hi tal-fehma li dan ma jbiddel xejn mill-valutazzjoni mogħtija lill-fond in kwistjoni. Il-fatt jibqa' li l-kirja ġiet itterminata iżda din ma ġietx itterminata retroattivament. Għalhekk fiż-żmien li sar ir-rapport peritali, dik il-kirja kienet għadha meqjusa viġenti, in fatti anke l-Ewwel Qorti kkunsidrat is-segwenti:

> *"Il-Qorti tosserva li d-dar numru 23 hija indisputibilment suġġetta għall-kirja. Dan tant li l-attriċi stess fl-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2018 filwaqt li ddikjarat il-provi tagħha magħluqa rriżervat id-dritt li tressaq prova dwar l-eżitu ta' proċeduri mibdija minnha quddiem il-Bord tal-Kera rigward din il-proprjetà—ċirkostanza tali li twassal għall-ammissjoni tagħha ta'kirja prevalenti.50 Da parte sua, ilkonvenuta ssostanzjat ukoll xhieda tagħha rigward l-eżistenza ta' din il-kera bil-preżentazzjoni ta sensiela ta'rċevuti relattivi għall-ħlas tal-istess kirja liema rċevuti ma ġewx kontradetti mill-attriċi.51"*

30. Għaldaqstant din il-Qorti ma tqisx li jkun siwi li jiġi rrikonsidrat il-valur tal-fond u sejra tiċħad dan l-aggravju.

31. Permezz tal-**Ewwel Aggravju** l-appellanta tilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet kalkolu skorrett tal-assi tad-*decuius* sabiex imbagħad waslet għall-valur tas-sehem riżervat. Tqis li l-valur tal-assi tad-*decuius* hu ta' €477,825.54 u mhux €447,825.54 u konsegwentement is-sehem riżervat likwidat kellu jkun dak ta' €79,637.59 u mhux dak likwidat mill-Ewwel Qorti ta' €74,637.59.

32. **Il-konvenuta twieġeb** li f'dan il-każ l-attriċi kellha biss tressaq rikors *ai termini* tal-artikolu 825 subinċiż 1 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti lok li ssir korrezzjoni minħabba żball ovvju matematiku u li skont dan l-artikolu r-rikors jista' jsir kull żmien u dan anke b'referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna. Għaldaqstant, l-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jiġu akkollati mal-attriċi.

33. **Din il-Qorti rat li l-Ewwel Qorti** għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti għal dan l-aggravju:

> *<<..Għaldaqstant, il-valuri attribwibbli lil kull proprjetà immobbli formanti parti l-assi tad-decujus omm il-partijiet kontendenti għall-finijiet tal-kalkolu u l-ħlas tas-sehem riżervat lill-attriċi huma s-segwenti:*
>
> *1. Id-dar «Mayflower» fi Vjal it-8 ta' Settembru, ix- Xagħra, Għawdex: Valur ta' tliet mitt elf* ewro *(€300,000);*
>
> *2. Id-dar numru 23, fi Pjazza l-Vittorja, ix-Xagħra, Għawdex: Valur ta' ħamsa u tletin elf* ewro *(€35,000);*
>
> *3. Il-porzjon art aċċessibbli minn Triq il-Ġebla ta'Sansuna, ix-Xagħra, Għawdex: Valur ta' mitejn u għaxart elef* ewro *(€210,000);*
>
> *4. Il-porzjon art aċċessibbli minn passaġġ li jagħti għal Triq Liberat Grech, ix-Xagħra, Għawdex: Valur ta' mitt elef* ewro *(€100,000).*
>
> *Il-valur ta' kull proprjetà mobbli hija dik li tirriżulta mid-dokumenti ppreżentati mix-xhieda rappreżentanti tal-banek relattivi, kif isegwi:*
>
> *1. Kont bankarju mal-Bank of Valletta: tlettax-il* ewro *u dsatax-il ċenteżmu (€13.19);*
>
> *2. Kont bankarju mal-bank HSBC: tliet mija u tnax-il* ewro *u ħamsa u tletin ċenteżmu (€312.35).*
>
> *A tenur tas-subinċiz 2 tal-Artikolu 620 tal-Kapitolu 16, kif suċċitat; minn dawn il-valuri għandhom jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funeral.*
>
> *Il-Qorti tosserva illi ma nġabet ebda prova li fuq l-assi tad-decujus*

*kienu inkombenti xi djun.*

*Fir-rigward tal-ispejjeż tal-funeral, il-Qorti, wara li tieħu konjizzjoni tad-dokumenti a fol. 414 u 415 tal-proċess, tosserva li apparti li dawn ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament, huma ġew esibiti biss bħala annessi ma'rikors tal-konvenuta minn fejn jidher li l-istess tħallsu mill-assi tad-decujus—ref. l-ewwel paragrafu tat-tieni paġna tarrikors tal-konvneuta a fol. 411 sa 413. Għaldaqstant, ma jirriżultaw ebda valuri li għandhom jitnaqqsu mit-total tal-valur tal-assi tal-decujus.*

*...*

*Il-valur totali tal-assi tad-decujus li fuqhom għandu jiġi kkalkolat is-sehem riżervat allura għandu jkun is-segwenti:*

*Nofs it-tliet mitt elf* ewro *(€300,000) relattivi għan-nofs indiviż sehem id-decujus mid-dar «Mayflower» fi Vjal it-8 ta' Settembru, ix-Xagħra, Għawdex.*

*Nofs il-ħamsa u tletin elf* ewro *(€35,000) relattivi għan-nofs indiviż sehem id-decujus mid-dar numru 23, fi Pjazza l- Vittorja, ix-Xagħra, Għawdex.*

*L-intier tal-mitejn u għaxart elef* ewro *(€210,000) relattivi għall-intier tal-porzjon art aċċessibbli minn Triq il-Ġebla ta' Sansuna, ix-Xagħra, Għawdex.*

*L-intier tal-mitt elf* ewro *(€100,000) relattivi għall-intier tal-porzjon art aċċessibbli minn passaġġ li jagħti għal Triq Liberat Grech, ix-Xagħra, Għawdex.*

*L-intier tal-bilanċ tal-kont bankarju miżmum mill-Bank of Valletta fil-valur ta' tlettax-il* ewro *u dsatax-il ċenteżmu (€13.19ċ).*

*L-intier tal-bilanċ tal-kont bankarju miżmum mill-bank HSBC fil-valur ta' tliet mija u tnax-il* ewro *u ħamsa u tletin ċenteżmu (€312.35ċ).*

*Dan għal total ta' erba' mija u sebgħa u erbgħin elf tmien mija u ħamsa u għoxrin* ewro *u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€447,825.54ċ) li minnu l-partijiet kontendenti għandhom jedd għal terz (1/3) f'sehem riżervat, allura; hemm sehem riżervat favur iż-żewġ kontendenti fil-valur ta' mija u disgħa u erbgħin elf mitejn u ħamsa u sebgħin* ewro *u tmintax-il ċenteżmu (€149,275.18ċ). Fuq dan is-sehem riżervat l-attriċi għandha dritt għal nofs, allura, għall-valur ta' erbgħa u sebgħin elf sitt mija u sebgħa u tletin* ewro *u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€74,637.59ċ). ..>>*

34. **Jiġi meqjus minn din il-Qorti** li huwa minnu li kif argumentat l-attriċi t-total tal-assi li fuqu kellu jiġi kkalkolat is-sehem riżervat jammonta

għall-erba' mija, sebgħa u sebgħin elf u tmien mija u ħamsa u għoxrin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€477,825.54)[16] u konsegwentement is-sehem riżervat illikwidat kellu jkun ta' disgħa  u sebgħin elf, sitt mija u sebgħa u tletin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€79,637.59), ċjoè nofs it-terz disponibbli għas-sehem riżervat[17].

35. Fir-rigward tal-argument imressaq mill-konvenuta, li l-attriċi setgħet talbet korrezzjoni tas-sentenza skont ma jipprovdi l-artikolu 825(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li l-attriċi setgħet inqdiet bis-subinċiż 1 tal-artikolu 825, u f'kawżi reċenti tal-Qorti tal-Appell ġie kkunsidrat dan meta ġew kunsidrati l-ispejjeż (**Chadborn Holdings Ltd v.Tipico Co Ltd** deċiża nhar is-16 ta' Jannar 2025) din il-Qorti tqis li fil-każ odjern l-attriċi ressqet tliet aggravji, li fin-natura tagħhom kollha setgħu jaffettwaw il-valur tas-sehem riżervat likwidat, u għaldaqstant l-argument tal-konvenuta għandu jiġi mwarrab. Konsegwentement din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali.

**Konsiderazzjonijiet Legali dwar l-Appell tal-Konvenuta**

36. Permezz **tal-ewwel aggravju** l-konvenuta *qua* appellanta tilmenta li l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament korrett tal-provi u li qatt ma

[16] €150,000 + €17,500 + €210,000 + €100,000 + €13.19 + €312.35 = €477,825.54
[17] €477,825.54 / 3 = €159,275.18 / 2 = €79,637.59

messha sabet lill-konvenuta responsabbli għall-ħlas tal-imgħax legali u għall-ispejjeż tal-kawża u dan meta hi mxiet b'mod kawt u korrett. Li kellu jiġi ċċensurat kien l-aġir tal-attriċi, li rrifjutat offerta mingħand il-konvenuta ta' €135,000 u għażlet li tidħol f'kawża li ġebditha għal disa' snin sħaħ biex issa ġie likwidat lilha ammont ferm anqas minn dak offrut lilha. Il-provi kellhom iwasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiċħad it-tielet u r-raba' aggravju. Għalkemm il-prassi tal-Qorti tal-Appell huwa li ma tiddisturbax l-insenjament tal-Ewwel Qorti b'mod leġġer, f'dan il-każ hemm raġunijiet validi sabiex din il-Qorti tintervejni u tiċħad it-tielet u r-raba' talba tal-attriċi.

37. Permezz **tat-tieni aggravju** l-konvenuta tkompli tilmenta li ma għandux jiġi likwidat imgħax legali bil-figura l-aktar għolja, li l-imgħax legali sad-data tal-appell kien laħaq €54,000 u li dan kien ser iwassal għall-arrikament indebitu favur l-attriċi. L-attriċi kienet ġiet innotifikata bl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u flok żbankat il-flus ipproċediet b'din il-kawża biex issa ser tieħu somma ferm anqas. Tirreferi għar-rikors tal-attriċi tas-17 ta' Ġunju 2022 u tal-14 ta' Settembru 2022 u għall-verbali tas-seduti tad-9 ta' Mejju 2017 u tat-23 ta' Mejju 2018 li juru b'liema mod leġġer mexxiet il-kawża tant li kien jistħoqqilha li jiġu applikati sanzjonijiet skont l-artikolu 10(1) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kapitolu 12. Kien l-aġir tal-attriċi li wassal sabiex il-kawża tieħu ż-żmien sabiex tiġi deċiża u dan meta l-materja ma kinitx waħda kkumplikata.

38. Targumenta li s-subartikolu 2 tal-artikolu 615 jipprovdi s-segwenti:

> *"(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu,tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax litista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 113"*

39. Tisħaq li hemm raġunijiet biex jiġi applikat il-provediment tas-subinċiż 2 tal-artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili. Eżami akkurat tal-provi juri li saru sforzi sa mill-bidu nett mill-konvenuta u ċjoè minn meta ġiet notifikata bl-ittra uffiċjali 632/2014, u dan sabiex jaslu għall-ftehim. Hi kienet kostretta tiddepożita l-ammont taħt l-Awtorità tal-Qorti minħabba li l-attriċi baqgħet ma riditx taċċetta l-ħlas u għaliex ippruvat iddaħħal kwistjonijiet li jikkonċernaw il-wirt ta' missierhom li ma kienx in disputa. Kienet għalhekk ġusta li ddepożitat l-ammont il-Qorti u b'referenza għall-ġurisprudenza ssostni li sabiex depożitu jiġi meqjus bħala pagament skont il-liġi, jeħtieġ li jkunu sodisfatti ċertu rekwiżiti.

40. **L-attriċi appellata wieġbet,** fir-rigward taż-żewġ aggravji, li dawn huma infondati u bla bażi u li l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-mod kif iddeċidiet it-tielet u r-raba' talba. Tisħaq li kienet il-konvenuta li tawlet il-proċeduri u mliet proċess b'komunikazzjoni privileġġjata u li tawlet il-proċeduri billi oġġezzjonat fuq propjetà diżabitata u jekk din kellhiex tiġi

stmata bħala battala u dan għaliex il-konvenuta baqgħet tinsisti li hi kienet tabita fil-fond u l-attriċi kellha tiftaħ kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u meta għamlet dan ma talbet l-ebda sospensjoni u dan anke b'referenza għall-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti. Tisħaq li l-azzjoni tressqet minnha fl-2015 u fl-2018 għalqet il-provi u d-deċiżjoni ġiet mogħtija fl-2023. Targumenta li ċ-ċedola ta' depożitu preżentata mill-attriċi kienet tisħaq li kwalunkwe żbank kellu jsir a saldu tal-ammont u b'hekk ma setgħetx tiżbanka l-ammont mingħajr ma tippreġudika s-sitwazzjoni tagħha. Jidher b'hekk li l-appellanta qatt ma kellha intenzjoni li tiddepożita l-flejjes in kwistjoni mingħajr kwalifika.

41. Targumenta li l-bilanċ fiċ-ċedola ta' depożitu ma kienx ta' kreditu likwidat li ġie rifjutat qabel ma saret iċ-ċedola iżda s-sehem riżervat ġie likwidat mal-għoti tas-sentenza u għaldaqstant qatt ma seta' jitqies li kien hemm qabel l-imsemmi depożitu l-offerta tas-somma kollha dovuta wara rifjut ta' l-istess somma fil-fatt dovuta. B'referenza għall-ġurisprudenza u skont l-artikolu 1173 tal-Kapitolu 16, jekk il-kreditur ma jkunx irid jieħu l-ħlas, id-debitur jista' bi spejjeż tal-kreditur, jiddepożita s-somma bil-mod li jingħad il-Kapitolu 12 u dan id-depożitu jkun jiswa daqs il-ħlas u l-artikolu 1174 tal-Kapitolu 16 jipprovdi li d-depożitu ma għandux l-effetti msemmija fl-artikolu 1173 jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta l-offerta valida.

42. Din il-Qorti ser tindirizza dawn iż-żewġ aggravji kontestwalment peress li dak mitlub fiż-żewġ aggravji: (i) li ma jiġux imposti imgħaxijiet legali (ii) li l-konvenuta ma teħilx l-ispejjeż hi.

43. Din il-Qorti rat li l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Fir-rigward tat-talba magħmula mill-attriċi għall-ħlas tal-imgħax u l-ispejjeż, il-Qorti tosserva li ai termini tas-subinċiż 2 tal-Artikolu 615 tal-Kapitolu 16 kif suċċitat, il- Qorti għandha diskrezzjoni li tnaqqas ir-rata ta'mgħax jew tordna li ma jitħallasx imgħax fejn iċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu.*
>
> *Il-konvenuta tinsisti li spejjeż u mgħax m'għandhomx jitħallsu stante li hija kienet propensa li tilħaq ftehim bonarju u kienet l-attitudni tal-attriċi li wasslet għal dawn il-proċeduri u l-ispejjeż addizzjonali relatati magħhom.*
>
> *Tinsisti wkoll li d-dewmien riskontrat f'dawn il-proċeduri huwa attribwibbli lill-attriċi li kaxkret saqajha f'li tressaq il-provi tagħha sabiex l-istanza tiġi deċiża fl-iqsar żmien.*
>
> *Il-Qorti ma taqbilx.*
>
> *Il-Qorti rat li ħela partikolari ta'seduti quddiemha da parti tal-attriċi ma kienx hemm. Rat ukoll l-assjem tal-provi relattivi għat-tentattivi ta'transazzjoni bejn il-partijiet, inkluż id-dokumenti esibiti mar-risposta ġuramentata, u għal drabi oħra mal-affidavit tal-konvenuta—a fol. 249 sa 294—u dak tal-Avukat difensur tagħha—a fol. 313 sa 355.*
>
> *Minn dawn id-dokumenti jirriżulta li t-tentattivi ta' transazzjoni bejn il-partijiet kienu fit-tul. Jirriżulta wkoll li finalment kien hemm qbiel dwar ċifra li kellha titħallas mill-konvenuta lill-attriċi a saldu tal-pretensjonijiet tagħha rigward is-sehem riżervat spettanti lilha mill-assi ta' ommha. Jirriżulta finalment li ġie redatt ftehim bil-miktub mill-Avukat difensur tal-konvenuta li ġie mgħoddi lill-attriċi.*
>
> *L-attriċi, flimkien mal-Avukat difensur tagħha ressqu xi proposti għall-emmendi ta' dan l-abbozz permezz ta' imejl tas-6 ta'April, 2015—ref. fol. 49. B'imejl tal-għada, is-7 ta' April, 2015 l-Avukat difensur tal-konvenuta ddikjara, inter alia, li l-abbozz «jibqa kif bgħattulek, altrimenti l-ġimgħa ddieħla niddepożita l-ammont»—ref. fol. 48 sa 49.*

*Minn hawnhekk kien hemm battibekk bejn l-Avukati difensuri tal-partijiet li wassal sabiex l-attriċi pproċediet b'din l-istanza—liema battibekk kompla wkoll waqt il-kontroeżami tal-Avukat difensur tal-konvenuta quddiem din il-Qorti—udjenza ta' nhar il-11 ta' Mejju, 2022.*

*Din il-Qorti tagħmilha ċara li bħala prassi tentattivi ta' transazzjoni bonarji m'għandhomx jinġabu quddiemha għall-iskrutinju tagħha stante li dawn jibqgħu privati u mingħajr preġudizzju bejn il-partijiet. Huwa minnu li l-konvenuta eżentat lill-Avukat difensur tagħha mis-sigriet professjonali sabiex b'hekk seta' jressaq affidavit tiegħu u xehed ukoll in kontroeżami. Dan seħħ iżda sempliċiment b'riżultat ta' tentattiv tal-konvenuta f'li tiskansa l-ħlas ta' spejjeż u mgħax abbażi tat-teżi tagħha li hija ppruvat tilħaq ftehim iżda l-attriċi sfaxxatu. Il-Qorti ma taqbilx ma' dan.*

*Il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi kellha kull dritt tressaq proposti dwar emmendi suġġeriti fl-abbozz tal-ftehim magħmul disponibbli lilha, speċjalment meta dan kien redatt mill-Avukat difensur tal-konvenuta mhux minn nutar indipendenti.*

*L-attitudni tal-Avukat difensur tal-konvenuta kellha aktar tkun favur diskors. B'dan illi, ħalli jkun hemm insistenza li m'hemmx qbil mal-emmendi proposti, iżda tali insistenza ma kellhiex tirriżulta fil-kliem ripurtat supra li huwa kważi intiż bħala ordni.*

*Għaldaqstant, din il-Qorti tqies li tenut kont ta' dak dikjarat hawn aktar 'il fuq, l-ispejjeż għandhom ikunu a karigu tal-unika eredi tad-decujus li f'dan il-każ hija l-konvenuta.*

*Għall-istess raġunijiet, u rigward l-imgħaxijiet, il-Qorti hija tal-fehma li dawn għandhom japplikaw. F'dan il-każ, u ai termini tas-subinċiż 2 tal-Artikolu 615 tal-Kapitolu 16, l-istess imgħaxijiet għandhom ikunu applikati bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni.*

*Dan stante li s-sehem riżervat intalab fi żmien sentejn minn dik id-data billi tirriżulta d-data tal-mewt tad-decujus omm il-partijiet kontendenti bħala t-12 ta' Ġunju, 2014 mentri l-kawża de quo ġiet intavolata nhar l-24 ta' April, 2015.*

*Jirriżultaw ulterjorment mid-dokumenti ta'causa mortis a fol. 132 sa 141 tal-proċess li seħħew dikjarazzjonijiet causa mortis tad-decujus bejn l-20 ta'Ottubru, 2014 u l-10 ta' Marzu, 2015.*

*Dan jingħad malgrad il-preżentata taċ-Ċedola ta' Depożitu numru 79/2015 u fid-dawl ta'dak hawn aktar 'il fuq enunċjat rigward ir-raġunijiet li wasslu lill-attriċi sabiex tipproċedi bil-proċeduri odjerni.*

*L-Artikolu 1139 jistipula mgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena.*

*...*

*Bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni."*

44. **Wara li il-Qorti fliet** l-atti u l-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet, kif qalet l-Ewwel Qorti hija r-regola li komunikazzjoni li tkun saret b'mod bonarju ma titressaqx bħala prova u dan għaliex l-iskop kollu ta' din il-komunikazzjoni hija li l-partijiet involuti f'xi disputa jkunu jistgħu jgħaddu kwalunkwe proposta li tista' tevita li l-partijiet jersqu lejn l-għatba tal-Qorti. Madankollu din il-komunikazzjoni qiegħda fl-atti u għaldaqstant din il-Qorti wkoll fliet it-trattattivi li saru bejn il-partijiet.

45. Jidher ċar li l-partijiet ħallew f'idejn id-difensuri tagħhom, u li ma kinux direttament qed jinnegozjaw huma. Jidher ċar li dak mitlub mill-attriċi kien bil-ferm għola minn dak eventwalment likwidat mill-Ewwel Qorti, u dan l-istess attriċi issa taċċettah, għalkemm hemm l-appell inċidentali mressaq minnha fuq punti oħra. Jidher ukoll li l-konvenuta kienet lesta li tasal u dan biex jiġi evitat il-Qorti.

46. Din il-Qorti mhux qiegħda hawn biex tidħol fil-mertu ta' x'attitudni għandha tittieħed meta jsiru tentattiv għall-transazzjoni barra mill-Qorti, madankollu kif tgħid l-idjoma Ingliża, *it takes two to tango,* u din il-Qorti tqis li kien hemm falliment fit-trattattivi. Madankollu din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-intimata kompliet tipprova tasal anke fil-mori tal-kawża u li waqt il-mori, meta kien ċar li l-ammont li potenzjalment kienet ser tillikwida

l-Ewwel Qorti kien ferm anqas minn dak fiċ-ċedola ta' depożitu, l-attriċi xorta għażlet li tkompli b'din l-azzjoni.

47. Meqjusa ċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna inkluz il-fatt li ċ-ċedola ta' depożitu li sar mill-konvenuta sar qabel mal-attur fetaħ il-kawża, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun ġust li jiġi kkunsidrat li ma ddekorra l-ebda imgħax legali mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

48. Meqjus is-suespost ukoll, din il-Qorti tqis li dawk l-ispejjeż relatati ma' kawżi ta' dan it-tip iġorrhom dak li jkun mistenni li jagħmel tajjeb għas-sehem riżervat. Madankollu tenut kont iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tqis li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu sopportati mill-attriċi li rrifjutat l-offerta in kondizzjonata ta' €135,000 bħala saldu għal-leġittima, liema somma ġiet depożitata mill-konventua b'ċedola fil-Qorti.

49. Konsegwentement din il-Qorti sejra tilqa' l-appell imressaq mill-konvenuta kif hawn fuq spjegat.

**Decide**

50. Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell imressaq mill-attriċi billi tilqgħu u tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn iddikjarat li l-imgħax għandu jiddekorri bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data

tal-ftuħ tas-suċċessjoni u minflok tiċħad it-talba għall-ħlas ta' imgħax dekorribbli mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni, filwaqt li l-ispejjeż tal-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu mill-attriċi.

Fir-rigward tal-appell inċidentali tal-attriċi din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju u tiċħad it-tieni u t-tielet aggravji tal-appell inċidentali u konsegwentement tħassar dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn illikwidat erbgħa u sebgħin elf, sitt mija u sebgħa u tletin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€74,637.59) u minflok sejra tillikwida disgħa u sebgħin elf, sitt mija u sebgħa u tletin ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€79,637.59).

Din il-Qorti tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, safejn kompatibbli ma din id-decide. Spejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb